



24.6.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 0029/2009 ippreżentata minn Markus Tilli, ta' nazjonalità Ġermaniża, dwar l-allegata diskriminazzjoni mill-awtoritajiet Ġermaniżi rigward il-liċenzji tal-muturi ta' 125 cc (Kategorija A1)**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jallega li r-regoli Ġermaniżi biex wieħed isuq mutur li ma jaqbiżx il-125 cc (kategorija A1) huma diskriminatorji; jidher li hija meħtieġa liċenzja separata għal persuni li twieldu wara l-1 ta' April 1980, filwaqt li nies li twieldu qabel dik id-data huma koperti bil-liċenzja tas-sewqan għal vetturi bil-mutur (kategorija B).

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-23 ta' April 2010. Informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 202(6).

### 3. Tweġiba tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

Wara l-adozzjoni tad-Direttiva 91/439/KE dwar il-liċenzji tas-sewqan<sup>1</sup>, il-Ġermanja rriformat is-sistema ta' kategorizzazzjoni tal-liċenzji tas-sewqan tagħha fl-1 ta' Jannar 1999, u nkludiet il-kategorija A1 għal muturi ħfief b'kapaċità kubika ta' mhux aktar minn 125 cm<sup>3</sup> u b'qawwa ta' mhux aktar minn 11kW. Bl-introduzzjoni ta' din il-kategorija l-ġdida, dak li għandhom il-liċenzja B li nħarġet qabel din id-data ser jżommu d-dritt li jsuqu dawn it-tip ta' vetturi bil-liċenzja tas-sewqan tagħhom. Din is-sitwazzjoni għandha rabta mal-fatt li d-Direttiva 91/34/KE m'għandhiex tippreġudika d-drittijiet attwali għas-sewqan mogħtija jew miksuba qabel id-data tal-applikazzjoni tagħha.

<sup>1</sup> ĠU L 237, 24.8.1991, p.1

Skont id-Direttiva 2006/126/KE dwar il-liċenzji tas-sewqan, li se tkun applikabbli sa mid-19 ta' Jannar 2013, il-bidla ewlenija hi li l-kategorija A1 ser issir kategorija obbligatorja. Ser tinżamm il-possibilità li l-Istati Membri jawtorizzaw is-sewqan ta' muturi ħfief b'liċenzja B, iżda dan id-dritt ser ikun ristrett għat-territorju nazzjonali tagħhom.

Għalhekk il-Kummissjoni m'għandha l-ebda evidenza li l-leġiżlazzjoni Ġermaniża tikkostitwixxi vjolazzjoni tad-Direttiva 91/439/KE dwar il-liċenzji tas-sewqan jew li din tikkostitwixxi diskriminazzjoni abbażi tal-età.